GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR230611 | 28.04.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Mini European Assembly fil-Parlament ta' Malta***

David Agius M.P., id-Deputat Speaker tal-Kamra tad-Deputati, mexxa s-Sezzjoni Finali tal-Mini European Assembly fil-Parlament ta' Malta. Bħas-snin l-imgħoddija, din il-laqgħa ġiet organizzata minn National Student Travel Foundation (NSTF). Matul din il-laqgħa, il-parteċipanti żgħażagħ iddiskutew kif tista' tissaħħaħ id-demokrazija fl-Ewropa.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, id-Deputat Speaker spjega kif il-protagonisti f'demokrazija jużaw l-arti tal-perswazzjoni biex jaslu għall-aħjar mod kif huma jmexxu tajjeb lil pajjiżhom. Hu saħaq fuq il-kwalitajiet sbieħ u neċessarji li għandu jkun imżejjen bihom persuna li trid tkun ta' servizz tajjeb lis-soċjetà. Din il-persuna trid tkun:

- Altruwista, ta' imġieba tajba u affidabbli;
- Tqies il-ġid u l-interess komuni qabel kull interess ieħor;
- Tagħraf id-dmirijiet tagħha u twettaqhom sew;
- Tnissel fiduċja f'dawk ta' madwarha; u
- Tħaddan prinċipji u valuri tajba.

B'referenza għal prinċipji u valuri tajba, id-Deputat Speaker semma' il-valuri Ewropej elenkati f'Artiklu 2 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, Lisbona, 2007. Dan huma "ir-rispett għad-dinjità tal-persuna umana, it-tisħiħ tal-libertajiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, id-demokrazija, is-saltna tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem." Hu saħaq li fiċ-ċirkustanzi attwali, il-popli Ewropej għandhom jaħdmu biex jissaħħu l-valuri Ewropej u biex tiżdied il-fiduċja fil-proġett ta' integrazzjoni Ewropea bil-għan li tissaħħaħ aktar id-demokrazija, il-qagħda ekonomika u soċjali fl-Ewropa u biex il-popli Ewropej jgħixu flimkien fis-sliem.

Id-Deputat Speaker David Agius awgura liż-żgħażagħ partecipanti li dan l-eżerċizzju tant siewi jkun għalihom esperjenza li tibqa tagħti l-frott tagħha fil-karrieri tagħhom biex hekk Malta tkun tistà tgawdi politiċi ta' kwalità għas-servizz taċ-ċittadini.

David Agius irringrazzja lill-NSTF għal din l-inizjattiva tant nobbli.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt